Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS- SEBA' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL- Laqgħa Urġenti**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 1 ta' Awwissu 2013

**Ħin:** Mis-9am sas-9.25am

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li kienet ippreżentata mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex tissejjaħ laqgħa urġenti biex tiġi diskussa l-możżjoni li taqra:

" Fid-dawl tal-fatt li l-kuntrattur tal-proġett ta' Pjazza Bertu Fenech reġa' qed jaġixxi b'mod mhux professjonali fejn proġett li qed itellef in-negozju fl-inħawi tal-pjazza mhuwiex miexi bir-rata mgħaġġla mixtieqa, fid-dawl ukoll tal-fatt li l-kuntrattur mhuwiex jutilizza l-ħaddiema tiegħu bl-aktar mod effiċjenti possibbli biex jitħaffef ix-xogħol, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-kuntrattur wera arroganza u tpastas fil-pubbliku fil-konfront tal-Minority Leader Laburista waqt il-qadi ta' dmirijietu, fid-dawl tal-fatt ukoll li dan il-kuntrattur kien diġa` ġie mwissi fil-passat biex ix-xogħol tal-proġett isir aħjar u kif suppost, qiegħed nitlob li l-Kumpanija Camray Company Limited għandha tiġi blacklisted mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan fis-sens li din qatt aktar ma tingħata kuntratti ta' xogħol mill-istess Kunsill.
Nixtieq ukoll nesprimi x-xewqa tiegħi li jkolli appoġġ totali minn min ġie elett biex jiddefendi l-interessi tar-residenti ta' Ħal Balzan. Ma nistgħux nippermettu aktar li dan il-kuntrattur jimxi b'dan il-mod arroganti mal-membri eletti fil-Kunsill Lokali mill-poplu Balzani"

Il-Kunsillier is- Sur Desmond Zammit Marmara qal li n-nies qed igorru li x-xogħol ma kienx qed isir tajjeb fejn saħansita l-ħaddiema jagħmlu li jridu u ma hemm supervizjoni ta' xejn waqt li jkun għaddejjin bix-xogħolijiet. In –nies mdardrin bl-arroganza u l-attitudni tal-kuntrattur fejn kien hemm min anke ried li tidher fuq il-gazzetta. Il-Kuntrattur wara li ngħata l-kuntratt ġab lill-Kunsill f'sitwazzjoni li qisna qed nittalbu.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Galea semma’ x’ġara f’dik il-laqgħa tal-pjazza fejn il-Kunsill reġa tenna lill-kuntrattur biż-żmien stipulat sakemm irid jitlesta l-proġett fejn il-kuntrattur ta x’jifhem li sakemm jitlesta l-proġett ma għandnix għalfejn nindaħħlulu f’xogħlu.

Is- Sur Zammit Marmara qal li l-kuntrattur il-ħin kollu isemmi lill-Transport Malta fejn anke f’ħin minnhom ipprova jittrattaħ ta’ żibel u dan inaċċettabbli. Il-Kunsill għandu jkun aktar assertiv fejn is-Sindku u l-Kunsilliera għandhom jiġu stmati. Is- Sindku għandu jkun dik il-persuna li tiddetta fl-aħjar interess tal-lokalita’ u r-residenti. In-niex tilfu l-fiduċja fil-Kunsill fejn anke qed jirredikolaw bina.

Il-Kunsill qed jingħata t-tikketta saħansitra anke mill-ogħa awtoritajiet li dan huwa Kunsill għażżien u qiegħed għalxejn. Din l-attitudni trid tispiċċa u irridu nieħdu l-azzjoni neċessarja meta jkun il-waqt. Kien għalhekk li s- Sur Marmara ressaq din il-mozzjoni għaliex il-Kunsill ma jistax jaċċetta li l-kuntrattur jaġixxi b’dan il-mod u fin –nuqqas ta’ professjonalita’ dan għandu jiġi *‘blacklisted’*

Is- Sindku irrimarka li n-nies jgħidulu ħafna affarijiet kemm posittivi u anke negattivi u huwa ċert li anke is- Sur Marmara ikollu taħlita ta’ kummenti.

Il-Kunsillier s- Sur Guido Borg xtaq jirrimarka fuq dak li qal is-Sur Zammit Marmara’ fejn qal li n-nies jgħidu kull xorta ta’ diskors. Pero’ ma jistax jaċċetta l-kumment li dan huwa Kunsill għażżien għaliex saħansitra anke Kunsilli Lokali oħra jifirħulna tax-xogħol siewi li qed isir fir-raħal. Li individwu imur ikellem il-kuntrattur mingħajr ma’ l-Kunsill ikun avżat ma għandiex tirrepeti ruħa għaliex jiġri dak li ġara f’dik il-laqgħa. Il-Kunsill għandu ikellem lill-kuntrattur u mhux individwi.

Is- Sur Zammit Marmara xtaq jippreċiża fuq dak li kien għadu kemm intqal mis-Sur G. Borg fejn huwa għal din il-laqgħa kien mar flimkien mal-Viċi Sindku jiltaqa’ mal-kuntrattur fuq talba tal-kuntrattur stess man-nies tan-negozju f’ dawk l-inħawi.

Is- Sur G. Borg fuq din il-mozzjoni ried jaċċerta ruħu li kuntratti ma jingħatawx iżjed minn dan il-Kunsill u ma jorbotx lil ta’ warajna. Huwa ġie aċċertat minn dan mis- Sur Zammit Marmara’

Il-Kunsillier s- Sur Stephen Gatt sa ċertu punt jaqbel ma din il-mozzjoni fejn il-kuntrattur kien arroganti pero’ għandu ċertu riservi u mistoqsijiet x’jagħmel. Għalfejn u x’ġegħlu jkun arroganti? F’din il-laqgħa, il-kuntrattur ġie litteralment bbumbardjat b’mistoqsijiet u aċċertamenti minn nies tan-negozju flimkien ma xi residenti oħra li kienu preżenti hemmhekk. Mistoqsija li xtaq jagħmel kien, min organizza din il-laqgħa? Kif il-Kunsill ma kienx infurmat b’mod uffiċċjali? Kif jiena bħala kunsillier nirrapreżenta lil-Komunita’ tan-negozju ġewwa Ħal Balzan ma ġejtx infurmat?

Il-Viċi Sindku qal li huwa sar jaf b’din il-laqgħa meta ċemplulu b’nies tal- ħwienet li ser jiltaqgħu mal-kuntrattur fuq talba ta’ l-istess kuntrattur. Il-kuntrattur seta’ f’din il-laqgħa jitkellem bil-kelma t-tajba ma ma jkunx arroganti.

Is- Sindku ikkonferma li din il-laqgħa saret fuq talba ta’ Camray Ltd man-nies tan-negozju. L-iskop ta’ din il-laqgħa kien suppost biex jiġu solvuti xi problemi li nqalgħu. X’ġara waqt il-laqgħa hija kwistjoni oħra.

Huwa infurma lill-Kunsill li Ray bgħat email ta’ apoloġija fuq dak li ġara. Pero’ xorta jibqa’ l-fatt li l-imġieba tal-kuntrattur ma kienitx korretta. Issa jidher li f’dawn l-aħħar ġimgħatejn x-xogħol miexi b’ritmu mgħaġġel u dan forsi frott ta’ dik il-laqgħa mqanqla.

Matul dawn l-aħħar xhur, dan il-Kunsill ħafna problemi u fost ħafna affarijiet oħra kellu jiffaċċja ruħu bil-problema tal-Project administrator u li issa intemmlu l-kuntratt.

Is- Sindku ma jsib l-ebda problema li l-kuntrattur jiġi *blacklisted* minn dan il-Kunsill u li din d-deċiżjoni ma torbotx lil Kunsilli ta' warajna pero' xtaq jiċċara l-punt u b'dan qed ikun infurmat kullħadd li jekk isir r-restawr tax-xelter fil-pjazza, dan ix-xogħol ikun jifforma parti mill-proġett eżistenti ERDF 205 u jkollu jitkompla minn Camray Ltd.

Il-Kunsill għadda għall-votazzjoni fejn erba' (4) Kunsilliera li kienu Dr. Zammit Montebello, Is-Sur J. Galea, s- Sur D, Zammit Marmara' u s- Sur G. Borg ivvutaw favur u astensjoni waħda (1) tas- Sur S. Gatt. Il-mozzjoni għaddiet u ġiet approvata.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data